**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 223/15AM

Numru fuq il-Lista: 22

**GO plc – C22334**
**Fra Diego, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Catherine Farrugia (ID 387501L)**
**179, Lemrac Court, Flat 7,**
**Triq it-Turisti,**
**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-18 ta' Marzu, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' seba mija u erbgha u tmenin ewro u wiehed u hamsin

centezmu (€784.51c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 80029432 moghtija mis-Socjeta’ attrici lill-konvenuta.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda permezz tal-affafidavit ta’ Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont pretiz mis-Socjeta’ attrici ghadu dovut u ma thallasx lanqas in parte.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ seba mija u erbgha u tmenin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€784.51c) bl-imghax legali kontra l-konvenuta sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**